MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 195/2013

**Appell Numru: 195/2013**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Dorianne Scicluna**

Illum, 11 ta' Dicembru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellanti Dorianne Scicluna, detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 187776M talli:
Ghax-xhur ta' bejn Ottubru 2011 sa Awwissu 2012, meta hekk ordnata minn xi Qorti jew marbuta b'kuntratt naqset li taghti lil Mario Scicluna u/jew lil uliedha s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum

minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-22 ta' April, 2013, li biha, wara li rat l-artikoli 338 (z) tal- Kapito!u 9 tal- Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill- appellanti hatja u kkundannatha xahar detenzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellanti.

Rat ir-rikors tal-appell minnha pprezentat fit-3 ta' Mejju, 2013 fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell u filwaqt li tirrevoka l-piena ta' xahar detenzjoni, timponi fuqha piena aktar ekwa fic-cirkostanzi prevalenti.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravju tal-appellanti li jikkonsisti fis-segwenti u cioe` :-
Illi fil-fehma umli taghha l-ammissjoni da parti taghha quddiem l-Ewwel Qorti ma kellhiex twassal ghall-piena ta' xahar detenzjoni izda ghal piena aktar ekwa fil-konfront taghha partikolarment in vista tac-cirkostanzi prevalenti aktar qabel spjegati.

L-Artikolu 338 (Z) tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi,
*"(z) meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jaghti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal dik il-persuna fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma: …… izda wkoll meta l-hati jkun recidiv f'kontravvenzioni taht dan il-paragrafu [enfasi mizjud] l-hati jista' jehel piena ta' detenzjoni ta' mhux izjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux izjed minn mitejn euro jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn xahrejn;"*

Huwa pacifiku li “is-sanzjoni, f’kaz ta’ sejbien ta’ htija taht l-artikolu 338(Z), ghandha tkun dik kontemplata ghar-reati ta’ natura kontravvenzjonali w ghandha tigi kalibrata skond il-gravita’, ripetizzjoni w cirkostanzi ohra tal-kaz minn wahda ta’ piena ta’ detenzjoni ghal zmien ta’ mhux izjed minn xahrejn skond l-artikolu 7 (2) u 12(1) tal-Kap.9 (jew aktar f’ kaz ta’ reat kontinwat) ghall-inqas piena li hija dik ta’ canfira jew twiddiba (Art. 7(2) tal-Kap9).” - “Il-Pulizija vs Mark Bugeja”, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kif ippreseduta mill-On. Imhallef Dr David Scilcuna, fit-2 ta’ Dicembru, 2005, Appell Numru: 193/2005 li jirrigwardja kaz dwar nuqqas ta’ hlas ta’ manteniment.

Fil-fehma tal-esponenti l-Onorabbli Qorti ta’ l-Ewwel Istanza gustament u korrettament kellha ssibha hatja wara l-ammissjoni taghha bikrija izda kellha timponi sanzjoni “kalibrata skond cirkostanzi ohra tal-kaz ...“ [enfazi mizjuda]. L-aggravju ta’ l-esponenti huwa propju illi l-Onorabbli Qorti ta’ l-Ewwel Istanza imponiet fuqha xahar detenzjoni minghajr ma hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi ohra tal-kaz inkluz izda mhux limitatament ghall-fatt li hija ammettiet illi ma kienitx hallset il-manteniment minnha dovut.

Ikkunsidrat:

L-appellanta qed tigi addebitata illi hija naqset illi taghti lil zewgha Mario Scicluna manteniment ghax bejn Ottubru elfejn u hdax (2011) sa Awwissu elfejn u tnax (2012). B’sentenza tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ April elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellanta hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u ikkundannatha ghal xahar detenzjoni.

L-appellanta hassitha aggravata minn din is-sentenza u minnha interponiet appell il ghaliex deherilha illi l-Qorti tal-Magistrati imponiet fuqha xahar detenzjoni minghajr ma hadet konsiderazzjoni cirkostanzi ohra tal-kaz, inkluz izda mhux limitatament ghall-fatt illi hija ammettiet illi ma kinitx hallset il-manteniment dovut minnha. Spjegat illi hija tahdem full time izda wara li kellha t-tieni tarbija minn

relazzjoni illi ghandha ma' ragel iehor kellha bilfors tieqaf tahdem minn full time ghal part time biex appuntu hija tkun tista' trabbi t-tieni wild taghha u ghalhekk ma setghetx tkompli thallas il-manteniment kif ordnat lilha.

Ikkunsidrat:

Ir-raguni li gabet l-appellanta ilghala m'ghandhiex thallas il-manteniment kif obbligata taghmel ma jiggustifkahiex minn dan in-nuqqas u hija obbligata illi twettaq id-digrieti tal-Qorti tal-Familja. Jekk l-appellanta jidhrilha illi tinsab f'pozizzjoni illi ma tistax, stante cirkostanzi specjali taghha, tkompli taqdi dan l-obbligu r-rimedju li ghandha u li kellha kien li tadixxi tempestivament u fi zmien itli lill-Qorti Civili kompetenti biex din wara li tiehu konjizzjoni tac-cirkostanzi taghha tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni tal-manteniment, u biss wara li tottjeni tali modifika li tkun tista' thallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dana jsir tibqa' marbuta bl-obbligu tal-hlas skont il-ligi.

Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha kull ragun li ssib htija fil-konfront tal-appellanta. Però jidher illi fil-mori ta' dan l-appell kien hemm xi diskussjonijiet bejn il-partijiet u b'verbal tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) il-parti civili, Mario Calleja, iddikjara illi huwa thallas ghall-arretrati ta' manteniment u ghalhekk ma kellux aktar pretensjonijiet kontra l-appellanta ghall-fini ta' din il-kawza. Il-Qorti ma tistax tinjora dan il-verbal u thares b'sodisfazzjon lejn dan l-arrangament illi gie milhuq bejn il-partijiet. U ghalhekk kif is-soltu taghmel f'dawn il-kazijiet tapplika l-principju illi gie enuncjat fil-kazwa Il-Pulizija versus Publius Said (25 ta' Settembru 2003) fejn intqal, "L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983, kien illi ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti sabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena ..."

Din il-Qorti se taghmel proprju dan, però tirrileva illi l-appellanta giet misjuba hatja darba ohra ghall-istess tipi ta’ kontravenzjoni u digà giet moghtija l-beneficcju tal-artikolu 22 tal-Kap. 446. Ovvjament din is-sitwazzjoni ma tistax tibqa’ ghaddejja jew tirrepeti ruhha u din il-Qorti taghmilha cara illi jekk l-appellanta terga’ tonqos milli tesegwixxi l-obbligazzjonijiet taghha minghajr ma l-ewwel taderixxi lill-Qorti kompetenti, il-Qorti se tkun severa fil-konfront taghha u mhiex se terga’ tikkonsidra l-provvedimenti tal-Kap. 446. F’dan il-kaz, però, il-Qorti se taghti opportunità ohra lill-appellanta biex tirrealizza s-sitwazzjoni taghha u tifhem illi jekk tkun fi ksur tal-ligi, il-Qorti ma hiex se tkun aktar manjamana maghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha ghal dak illi jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta’ htija, izda tirriformaha ghal dak illi jirrigwarda l-piena u flok xahar detenzjoni, tillibera lill-appellanta taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------